

- 3) David Bourel u r-rikorrenti l-oħra fil-Kawża T-777/19 R li isimhom jidher fl-anness huma kkundannati għall-ispejjeż tal-proċeduri għal miżuri provviżorji.
- 4) Ir-Repubblika Franċiża, il-comité régional des pêches maritimes et des élevages marins des Hauts-de-France (CRPMEM), il-Fonds régional d'organisation du marché du poisson (FROM NORD), l-Organisation de producteurs CME Manche-Mer du Nord (OP CME Manche-Mer du Nord), Ailes Marines SAS, Éoliennes Offshore des Hautes Falaises SAS, Éoliennes Offshore du Calvados SAS, Parc du Banc de Guérande SAS, Éoliennes en Mer Dieppe Le Tréport SAS u Éoliennes en Mer Îles d'Yeu et de Noirmoutier SAS għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 27, 27.1.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2021 – Collibra vs EUIPO – Dietrich (COLLIBRA u collibra)**

(Kawżi T-128/20 u T-129/20) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjonijiet għat-trade marks tal-Unjoni Ewropea verbali COLLIBRA u figurattiva collibra – Trade mark nazzjonali verbali preċedenti Kolibri – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Dritt għal smiġh – It-tieni sentenza tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001”)*

(2021/C 462/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Collibra (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: A. Renck, I. Junkar u A. Bothe, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. O'Neill u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Hans Dietrich (Starnberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Träger, avukat)

**Suġġett**

Żewġ rikorsi ppreżentati kontra żewġ deċiżjonijiet tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Diċembru 2019 (Każijiet R 737/2019-1 u R 738/2019-1), dwar żewġ proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn H. Dietrich u Collibra.

**Dispożittiv**

- 1) Il-Kawżi T-128/20 u T-129/20 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- 2) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- 3) Collibra hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 129, 20.4.2020.